MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2009

Numru 676/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen J.Gatt)**

**Versus**

**Joseph Deguara.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet kontra Joseph Deguara ta' 43 sena iben Carmel u Carmela Cassar, imwieled Tas-Sliema fis-6 t'Ottubru 1962 u li joqgħod 125 Tirq il-Wied Msida u li għandu n-numru tal-karta ta' l-identita' ID 606562 (M)

1. Akkużat talli fl-1 ta' Frar 2006 u xhur qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda

a) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dan ir-raża u dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

b) talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żamm u ġarr arma u munizzjoni mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

ċ) talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi, f’dawn il-Gżejjer,meta ġie fil-pussess ta’ arma tan-nar u munizzjoni xort’oħra mil-liċenzja, naqas li minnufih jagħti l-avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dan il-munizzjoni għandux jinżamm taħt idejn il-Pulizija jew taħt idejn il-Pulizija li tat l-avviż bi ksur ta’ l-artikolu 9(1) tal-Kap 66 tal-Liġijiet ta’ Malta;

d) Talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi żamm u ġarr arma li taqta’ u bil-ponta mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;

2. Akkużat ukoll talli fl-1 ta’ Frar 2006 f’Tas-Sliema u fi bnadi oħra:

a) Saq vettura GAM 606 Chrysler Jeep b’nuqqas ta’ kont, bi traskuraġnji jew b’mod perikoluż u dan bi ksur ta’ l-artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta’ Malta;

b) Talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura jew ipprova jsuq din il-vettura jew kellu fil-kontroll tiegħu din il-vettura li kienet fit-triq jew f’post pubbliku ieħor meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi u dan bi ksur ta’ la-rtikolu 15(A) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta’ Malta;

ċ) Talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirksotanzi irrifjuta jew naqas milli jagħti kampjun tan-nifs u dan bi ksur ta’ l-artikolu 15(E) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta’ Malta;

d) Talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi saq l-istess vettura konta s-sinjali ta-ttraffiku indikati f’dawn il-Gżejjer;

e) Talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi saq l-istess vettura b'sewqan eċċessiv;

f) Talli fl-istess jum, ħin u ċirkostanzi f'Tas-Sliema ma obdiex l-ordnijeit leġittimi ta' l-awtorita' jew ta' wħud li jkunu inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt li jkunu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom jew b'xi mod ieħor bħal jedd indaħal fi dmirhom billi ma ħalliex lil ħadd ieħor ajgħmel dak li b'liġi jkun ordnat li jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kienu għamlu skond il-Liġi jew b'xi mod ieħor li jkun;

Għaldaqstant, il-Qorit ntalbet li tiskwalifika lil Jospeh Deguara milli jkollu jew jottjeni xi liċenzja tas-sewqan.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifiakt tat-twelid ta' l-imputat li għandu n-numru 6065 tas-sena 1962, il-fedina penali ta' l-imputat, l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tal-15 ta' Frar 2006, il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol.7), l-esbiti ppreżentti mill-Prosekjuzzjoni fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2007, il-kunsens ta' l-imputat sabeix dawn il-proċeduri jkun sommarji u l-ammissjoni tiegħu għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed biex jirrifletti fuqha, il-Letter to Prosecute datata 16 ta' Marzu 2006 bil-firma tal-kontrollur tad-Dwana, il-Letter to Prosecute li ntbagħtet mill-VAT Department, u l-istqarrija ta' l-imputat a fol.25.

Ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, dawn ġew ippruvati skond il-Liġi.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(f), 17(h), 18, 338(ee) tal-Kap 9, l-artikolu 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101, l-artikolu 80(1) tal-Kap 406 kif emendat bl-Att XII tas-sena 2005, l-artikolu 18 u 62 tal-Kap 37 kif emendati bl-Att

Numru XII ta' l-2005 liema Att daħal fis-seħħ fid-29 ta' Lulju 2005, l-artikolu 9(1) u 13(1) tal-Kap 66 li kien viġenti fi żmien meta seħħ ir-reat, l-artikoli 15(1)(a), 15A(1), 15E(4), 15H(1)(a) u 15H(2) u l-ewwel żewġ kontravenzjonijiet taħt l-ewwel kolonna skond it-Tieni Skeda tal-Kap 65 issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih bl-imputazzjoni 2(c) assorbita fl-imputazzjoni 2(a) u qed tikkundanna lill-imputat iħallas multa komplessiva ta' 1863.50 Ewro (Lm800.00) mil-liema somma (a) 194.11 Ewro (Lm83.33) għandhom jitħallsu bħala dejn ċivili lid-Dipartiment tad-Dwana u (b) 116.47 Ewro (Lm50.00) għandhom jitħallsu bħala dejn ċivili lid-Dipartiment tal-VAT , barra dan il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas 139.76 Ewro (Lm60) f'ammendi għall-kontravenzjonijiet immarkati 2(d)(e)(f) fiċ-ċitazzjoni.

Il-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------